

31991L0322

5.7.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 177/22

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 91/322/KEE

tad-29 ta' Mejju 1991

dwar l-istabbiliment ta' valuri ta' limiti indikattivi permess ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1107/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq ix-xogħol

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li tistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 80/1107/KEE tas-27 ta' Novembru 1980 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-esposizzjoni għal aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq ix-xogħol ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata b'Direttiva 88/642/KEE ⁽²⁾, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikoli 8(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-gijene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

Filwaqt li t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 8(4) ta' Direttiva 80/1107/KEE jiddikjara li valuri tal-limitu indikattivi għandhom jirriflettu evalwazzjonijiet ta' esperti bbażati fuq data xjentifika;

Filwaqt li l-għan li jiġu stabbiliti dawn il-valuri huwa l-armonizzazzjoni ta' kondizzjonijiet f'dan il-qasam, filwaqt li jinżamm it-titjib li jkun sar;

Filwaqt li d-Direttiva tikkostitwixxi pass prattiku lejn il-kisba tad-dimensjoni soċjali tas-suq ġewwwieni;

Filwaqt li valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali għandhom jitqiesu bħala parti importanti mill-metodu totali sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;

Filwaqt li tista' tiġi stabbilita lista inizjali ta' valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali għal aġenti li għalihom jeżistu valuri simili fl-Istati Membri, waqt li tingħata prijorità għal aġenti li jkunu jinsabu fuq postijiet tax-xogħol u li x'aktrix ikollhom effett fuq is-saħħa tal-ħaddiema; filwaqt li din il-lista tista' tkun ibbażata fuq data xjentifika eżistenti sakemm l-effetti fuq is-saħħa jkunu konċernati, għalkemm għal ċerti aġenti dawn id-data huma llimitati ħafna;

Filwaqt li barra minn hekk jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali għal perjodi iqsar waqt li jingħata każ ta' l-effetti li joħorġu mill-esposizzjoni għal perjodu ta' żmien qasir;

Filwaqt li hemm metodu ta' referenza li jkopri, *inter alia*, stima ta' esposizzjoni u strateġija ta' kejl għal valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali f'Direttiva 80/1107/KEE;

Filwaqt li, minħabba l-importanza li jiġu miksuba kejljiet ta' esposizzjoni li wieħed jista' jorbot fuqhom fir-rigward ta' valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali, jista' jkun hemm bżonn fil-futur li jiġu stabbiliti metodi ta' referenza addattati;

Filwaqt li valuri tal-limitu ta' esposizzjoni okkupazzjonali għandhom jinżammu taħt eżaminazzjoni u jeħtieġilhom li jiġu eżaminati mill-ġdid jekk data xjentifika ġdida turi li ma jkunux aktar validi;

⁽¹⁾ ĠU L 327, tat-3.12.1980, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 356, ta' l-24.12.1988, p. 74.

Filwaqt li, għal ċerti aġenti sejjer ikun hemm bżonn fil-futur li jiġu kkunsidrati l-mogħdijiet kollha ta' assorbiment, li jinkludu l-possibilità ta' penetrazzjoni mill-ġilda, sabiex ikun żgurat l-aħjar livell possibbli ta' protezzjoni;

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skond l-Artikolu 9 ta' Direttiva 80/1107/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Valuri tal-limitu indikattivi, li tagħhom Stati Membri għandhom jagħtu każ, *inter alia*, meta jiġu stabbiliti l-valuri tal-limitu li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(4)(b) ta' Direttiva 80/1107/KEE huma mniżżla fl-Anness.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din

id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 1993. Għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istat Membri jadottaw dawn il-miżuri, (dawn il-miżuri) għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw mal-ewwel lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Mejju 1991.

Għall-Kummissjoni

Vasso PAPANDEOU

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

VALURI TAL-LIMITU INDIKATTIVI GĦAL ESPOSIZZJONI OKKUPAZZJONALI

EINECS ⁽¹⁾	SAK ⁽²⁾	Isem ta' l-aġent	Valuri tal-limitu ⁽³⁾	
			mg/m ³ ⁽⁴⁾	Ppm ⁽⁵⁾
2 001 933	54-11-5	Nikotina ⁽⁶⁾	0,5	—
2 005 791	64-18-6	Aċidu formiku	9	5
2 005 807	64-19-7	Aċidu aċetiku	25	10
2 006 596	67-56-1	Metanol	260	200
2 008 352	75-05-8	Acetonitrile	70	40
2 018 659	88-89-1	Aċidu pjeriku ⁽⁶⁾	0,1	—
2 020 495	91-20-3	Naftalina	50	10
2 027 160	98-95-3	Nitrobenzina	5	1
2 035 852	108-46-3	Resorcinol ⁽⁶⁾	45	10
2 037 163	109-89-7	Dietilemina	30	10
2 038 099	110-86-1	Piridina ⁽⁶⁾	15	5
2 046 969	124-38-9	Dijossidu karboniku	9 000	5 000
2 056 343	144-62-7	Aċidu ossaliku ⁽⁶⁾	1	—
2 069 923	420-04-2	Ċjanmid ⁽⁶⁾	2	—
2 151 373	1305-62-0	Calcium dihydroxide ⁽⁶⁾	5	—
2 152 361	1314-56-3	Disphosphorus pentaoxide ⁽⁶⁾	1	—
2 152 424	1314-80-3	Disphosphorus pentasulphide ⁽⁶⁾	1	—
2 152 932	1319-77-3	Kresols (l-isomeri kollha) ⁽⁶⁾	22	5
2 311 161	7440-06-4	Platinu (metalliku) ⁽⁶⁾	1	—
2 314 843	7580-67-8	Idrur tal-litju ⁽⁶⁾	0,025	—
2 317 781	7726-95-6	Bromu ⁽⁶⁾	0,7	0,1
2 330 603	10026-13-8	Fosfru pentachloride ⁽⁶⁾	1	—
2 332 710	10102-43-9	Monossidu tan-nitroġenu	30	25
	8003-34-7	Pyrethrum	5	—
		Barju (kompownds li jdubu bħal Ba) ⁽⁶⁾	0,5	—
		Fidda (kompownds li jdubu bħal Ag) ⁽⁶⁾	0,01	—
		Landa (kompownds inorganiċi bħal Sn) ⁽⁶⁾	2	—

⁽¹⁾ EINECS: Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Eżistenti.

⁽²⁾ SAK: Numru ta' Servizz Astratt Kimiku.

⁽³⁾ Imkejjet jew maħdum fir-rigward ta' perjodu ta' referenza ta' tminn siegħat.

⁽⁴⁾ mg/m³ = milligrammi għal kull metru kubu ta' arja f'20°C u 101,3 Kpa (pressjoni ta' 760 mm ta' merkurju).

⁽⁵⁾ ppm = partijiet għal kull miljun skond il-volum fl-arja (ml/m³).

⁽⁶⁾ Data xjentifika eżistenti dwar effetti tas-saħħa jidhru li huma partikolarment illimitati.